Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, d-29 ta' Settembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Versus**

**Keith Joseph Mallia**
**(148471M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Keith Joseph Mallia, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 148471M.

1. Fejn huwa gie akkuzat talli bejn it-12 ta' Dicembru 2011 u it-12 ta' Dicembru 2016, gewwa ir-residenza Golden Gannet, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq, ikkommetta serq ta' elettriku, ghad-detriment ta' Enemalta u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bil-lok, u dan bi ksur ta' l-artikolu 261, 263, 267, 269, 270 u 279 (B), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, volontarjament ghamel hsara, jew kisser xi parti minn xi meter ta' l-elettriku, jew sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista ta' l-elettriku, jew is-sigilli taghhom, u dan bi ksur ta' l-artikolu 326 (1) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kif wkoll, sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew

periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat l-Artikoli pprezentati fit-23 ta' Novembru 2017[1], fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264, 267, 269(g) u 270 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 278(1)(2)(3), 279 (b) u 280(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 326(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tad-19 t'April 2018[2], l-imputat wiegeb li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda ta' David Camilleri, Robert Busuttil, PC 1429, John Vella, l-iSpettur Charlotte Curmi u ta' l-imputat Keith Joseph Mallia.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2021.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed David Camilleri[3] fejn qal illi fit-12 ta' Dicembru 2016 kien mar flimkien mall-kollega tieghu Robert Busuttil u l-Pulizija tad-distrett, fuq il-fond Golden Gannet, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq fejn kien hemm sid id-dar Lucienne Mallia. Il-co-ordinator tal-Enemalta John Vella kien wasal ftit wara. Huma sabu is-service cable diehel ghal go meter mahruq,

[1] Fol. 77
[2] Fol. 80
[3] Fol. 21

u dan mhux normali jkun hekk u jista' jkun hemm kaz ta' serq. Indunaw illi kien hemm hruq ma' barra ukoll u elevaw l-affarijiet. Kienu hadu ritratti li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok DC1[4] u rapport mmarkat bhala Dok DC2[5]. Il-meter kien f'isem Keith Joseph Mallia.

Illi xehed Robert Busuttil fil-25 ta' Mejju 2017, fejn qal illi kien mar jaghmel surprise inspection mal-Pulizija tad-distrett gewwa residenza Golden Gannet, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq, fejn sabu illi s-service cable tal-meter tal-marka GISM bis-serial number 0914E5Q2116023101 kien miftuh mill-parti t'isfel, kien hemm sparks u dan gie maqtugh remotely fis-26 ta' Jannar 2015, li jfisser li sas-service box biss jkun hemm is-supply. Ix-xhud kompla jghid li f'xi granet qabel, jidhirlu li fis-7 ta' Dicembru 2016, kien maqtugh minn ma' l-over headlines u ghalhekk ma' kellhomx provvista tal-elettriku. Ix-xhud ikkonferma kemm ir-ritratti ezebiti u mmarkati bhala Dok DC1, kif ukoll ir-rapport mmarkat bhala Dok DC2, li kienet il-kitba tieghu u kien hemm il-firem tieghu, ta' David Camilleri, John Vella u Lucienne Mallia. L-arlogg tad-dawl kien registrat fuq Keith Joseph Mallia, imma ma' setawx jitkellmu mieghu ghax dak iz-zmien l-imputat kien il-habs. Is-servizz tal-elettriku generalment jigi sospiz fuq kontijiet pendenti, izda x-xhud qal illi ma' setax jikkonferma. Ix-xhud kompla jghid illi il-cable kien mqaxxar, kien hemm sparks minn taht is-service box u xi sparks mal-over head lines li x-xhud immarka fuq ir-ritratt[6].

Illi xehed PS 1429 Eric Mangion fejn qal illi fit-12 ta' Dicembru 2016, waqt illi kien xoghol l-ghassa taz-Zejtun, kien gie infurmat mill-iSpettur Curmi illi kien hemm digriet biex jmorru jassistu lil haddiema tal-Enemalta biex jaghmlu spezzjoni fir-residenza Golden Gannet, Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq. Hu kkonferma r-rapport bl-ahhar 'update' li ezebixxa u gie mmarkat bhala Dok EM1[7].

Illi xehed John Vella fejn qal illi fit-12 ta' Dicembru 2016 kienu ordnati jaghmlu insepection fir-residenza Golden Gannet, Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq fejn ghall-ewwel ma' fetah hadd, izda wara li s-Surgent kien mar fir-residenza ta' familjari, u kien mar jifthilhom persuna. X-xhud qal li huma sabu l-cable tad-dawl maqtugh u l-cover ta' barra u l-face mqaxxar

[4] Fol. 24
[5] Fol. 28
[6] Fol. 27
[7] Fol. 38 et seq

u kien hemm hafna hruq. Ix-xhud gie muri sett ritratti mmarkati bhala Dok DC1 fejn fit-tieni pagna tidher il-cable li kien mqaxxar minn taht is-service box, fejn suppost il-cable jkun shih u jibqa' diehel go apparat li jkun issigillat u mal-connection jidhru ukoll xi sparks. Il-fond ma' kellux dawl ghax kien inqata' mill-Enemalta remotely fis-16/01/2015 u wara qatghuh fizikament minn barra fis-7 ta' Dicembru 2016, ghax xorta jkun hemm id-dawl. Gurnata qabel, haddiema ohra ta' l-Enemalta kienu ppruvaw jaghmlu spezzjoni u kienu nnotaw xi affarijiet mixghula imma ma' kien fetah hadd.

Illi xehdet l-iSpettur Charlotte Curmi fejn qalet illi fl-10 ta' Dicembru 2016 kienet irceviet e-mail minghand is-Sur Frederick Azzopardi min-naha tal-Enemalta, immarkat bhala Dok CC2[8], fejn talab l-assistenza taghha biex ssir spezzjoni gewwa Golden Gannet, Triq G. Demicoli, Ghaxaq wara li l-haddiema ta' l-Enemalta kienu ghamlu spezzjoni fis-7 ta' Dicembru 2016 u ma' kien fetah hadd. Fit-12 ta' Dicembru 2016, il-Magistrat Donatella Frendo Dimech kienet harget mandat t'arrest li gie ezegwit fit-12 ta' Dicembru 2016 minn PS1429 Eric Mangion fejn flimkien ma' David Camilleri, Robert Busuttil u John Vella kienu marru fil-fond, u fil-prezenza ta' Lucienne Mallia kienu elevaw il-meter. Fl-14 ta' Dicembru 2016 irceviet kwerela mill-Enemalta, anness u mmarkat bhala Dok CC1[9], li ndikat illi l-perjodu tal-irregolaritajiet kienu mit-12 ta' Dicembru 2011 sat 12 ta' Dicembru 2016 u l-ammont dovut kien ta' €39,917.14.

Illi fil-25 ta' Lulju 2017 Lucienne Mallia iddikjarat bil-gurament illi mhux ser tixhed f'dawn il-proceduri kontra l-imputat stante li huwa zewgha.

Illi xehed Michael Buttigieg fejn ikkonferma illi Dok CC2 hija l-kwerela dwar bypass tad-dawl fil-fond Golden Gannet, Triq Dun Guzepp Demicoli, u l-istima ta' konsum mhux registrat huwa fl-ammont ta' €13,035.35, imghaxijiet ta' €670.79 u penali bil-200% fl-ammont ta' €26,210.90, hekk kif tinhadem mis-sezzjoni tieghu. X-xhud ipprezenta Dok MB1 li huwa stima u records ta' konsum li fuqhom jibbazaw il-kalkoli taghhom fuq konsum mhux registrat u l-load ta' dak iz-zmien.

Illi fid-19 ta' Ottubru 2017 rega' xehed David Scicluna fejn qal illi hu surveillance officer ma' l-Enemalta, u li kien mar jhabbat il-bieb filghodu,

---

[8] Fol. 49

[9] Fol. 47

u ma' fetah hadd, u wara li kienu tawhom contact number, kien wegibhom ragel u ftehmu biex jmorru wara nofs in-nhar. Meta regghu marru fuq il-post, ma' kien mar hadd u meta regghu bdew jipprovaw jcemplu fuq l-istess numru, l-mobile kien mitfi, u wara li baqghu jistennew ghal xi hin, wara telqu. Filghodu kienu innotaw dawl jixghel ta' xi tizjin tal-Milied u wara nofs in-nhar ma' raw xejn jixghel. Ix-xhud qal illi hu ma' kienx ha ritratti u meta gie muri r-ritratti ezebiti *a fol* 24 *et seq* gharaf biss l-isem tad-dar ghax ma' kienx dahal gewwa.

Illi rega' xehed Joseph Zammit fejn qal illi hu technician ma' l-Enemalta u kien mar filghodu flimkien ma' David Scicluna biex jiehdu l-qari tal-arlogg tad-dawl, fil-fond 95, Triq Guzeppi Demicoli, Ghaxaq. Ix-xhud qal li osserva li kien hemm id-dawl tal-Milied mixghul, imma ma' fetah hadd. Cemplu lil xi hadd, u ftehemu li kellu jiltaqa' maghhom fis-saghtejn ta' wara nofsinhar, imma ma' mar hadd. Huma baqghu jistennew sat-tmienja ta' filghaxija, ghax kellhom ordni biex jibqghu jistennew u nnutaw illi d-dawl kien maqtugh. Meta gie muri r-ritratti, x-xhud gharaf biss ir-ritratt bl-isem tad-dar, ghax huma ma' kienux dahlu gewwa.

Illi fit-12 ta' Marzu 2020 xehed l-imputat Keith Joseph Mallia, fejn qal illi huma kienu familja ta' hamsa u kienu ilhom bla dawl ghal madwar tlett snin. Hu fid-dawl ma' jifhimx, u meta marru jaqtghu d-dawl l-ewwel darba fl-2017, hu kien il-habs. L-imputat spjega illi d-dawl huwa wire imwahhal mill-post tieghu ghal wire ta' barra u kien hemm xi hbieb tat-tfal u kien avzahom biex ma' jwahhluhx u fil-fatt ghalkemm wahluh mid-dar ghas-supply ta' barra, xorta ma' kellhomx dawl. Fl-2018 tal-Enemalta kienu regghu marru biex jaqtghu d-dawl ghat-tieni darba, ghalkemm xorta ma' kellux dawl. Hu kien prezenti, u kien sema' truck, u x'hin ittawwal, ra persuna bit-tnalja f'idu fejn qata' l-wire u telaq. Fil-kontro ezami l-imputat gie mistoqsi jekk meta marru jaghmlu l-ispezzjoni fl-2016 kienx qieghed hemm, izda hu wiegeb illi kien il-CCF. Jekk kien hemm xi haga hazina fil-meter kien min-naha tal-Arms ghax ma' kienx hemm sigilli maqtughin, u kellhom jehduh u qalulu li kull ma' kellu jhallas xi haga zghira. L-imputat kompla jghid illi kienu regghu marru jaghmlu xi spezzjoni darb'ohra wara l-2016 izda ma' ftakarx meta. Meta darba minnhom kien hemm hu, telghu bis-sellum minn barra biex jaqilghu l-wire, izda mhux biex jaghmlu spezzjoni. Fl-2016, meta kien il-CCF, il-mara kienet qaltlu li kienu marru tad-dawl u qalghu l-wire minn barra u qalghu l-arlogg u telqu. Il-meter kien inbidel mill-antik ghal smart meter fl-2015 u qatt ma rega' inbidel.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-ewwel (1) imputazzjoni</u>** – Artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264, 267, 269(g), 270, 278(1)(2)(3), 279(b) u 280(1)(2), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi l-imputat fl-ewwel imputazzjoni qed jigi akkuzat illi ikkommetta serq ta' elettriku liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bil-lok. Illi mix-xhieda illi nstemghat fil-kaz odjern, ghalkemm telghi jixhdu diversi persuni teknici mressqa mill-Prosekuzzjoni, fl-ebda hin ma' gie stabbilit dan is-serq ta' elettriku meta beda jsehh u meta waqaf isehh, apparti l-fatt illi ma'ngaghbet l-ebda prova illi dan l-allegat serq sar minn l-imputat inniffsu u dan hareg car mix-xhieda ta' l-imputat fejn stqarr illi hu kien fil-Facilita' korrettiva ta' Kordin ghal diversi perjodi, fiz-zmien li qed tirrifletti l-ewwel imputazzjoni.

Illi lanqas ma' gie sodisfacentement ippruvat l-ammont ta' l-allegat serq ta' elettriku u bhala prova ngaghbet biss stima ta' x'setgha kien il-konsum misruq ikkwantifikat.

Illi l-Qorti hija ghalhekk konvinta illi l-ewwel (1) imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat ma' gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>It-tieni (2) imputazzjoni</u>** – Artikolu 326(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi ghamel hsara, jew kisser xi parti minn xi meter ta' l-elettriku, jew sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista ta' l-elettriku, jew is-sigilli taghhom.

Illi l-imputat ammetta hu stess fl-i'Statement' illi ta' lil Pulizija illi fis-sena 2015, kien hu li dahhal tester fil-meter u b'hekk inholoq 'short' fil-meter u dan beda jisparkja u jaqbad u li kien hu wkoll li qatgha il-wires sabiex il-metre ma' jkomplix jaqbad. Dan gie ivverifikat ukoll mir-ritratti pprezentati fil-process *a fol.* 24 *et seq* kif ukoll mix-xhieda ta' David Camilleri, Robert Busuttil u John Vella.

Illi l-Qorti hija ghalhekk konvinta illi t-tieni (2) imputazzjoni fil-konfront ta' l-imputat giet ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>It-tielet (3) imputazzjoni</u>** - Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi l-Qorti wara li rat is-sentenza datata 13 ta' Mejju 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, hija konvinta illi r-recividita' ta' l-imputat ma' gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tillibera lil imputat mill-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza u wara li rat l-Artikolu 7, 8 u 326(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **hati tat-tieni (2) akkuza** migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal **tnax-il xahar (12) prigunerija effettiva.**

Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat